# Regolamenti għat-Transfer ta' Studenti bejn l-iskejjel ta' St Francis 2016-2017

## 1. Studenti tat-Tieni Sena Kindergarten

1.1 Wara t-tieni sena kindergarten, l-istudenti tal-kindergartens ta' St Francis Birkirkara, Luqa, San Ġwann, San Pawl il-Bahar, Santa Luċija u Siġġiewi jmorru fil-primarji ta' St Francis Birkirkara, Bormla u Msida.

Dan għandu jsir b'applikazzjoni fejn jingħataw id-dettalji tal-istudent. Dawk li se japplikaw bil-kriterju tal-aħwa u tal-impjegati għandhom jimlew id-Dikjarazzjoni ta' dawn il-kriterji u jippreżentawha mal-applikazzjoni.

1.2 **L-applikazzjonijiet isiru t-Tnejn 23, it-Tlieta 24 u l-Erbgħa 25 ta' Novembru, 2015:**

L-istudenti li jattendu l-kinder ta' St Francis Luqa, Santa Luċija u Siġġiewi japplikaw St Francis Cospicua. Dawk li jattendu l-kinder ta' San Ġwann, San Pawl il-Baħar u Birkirkara japplikaw fil-Kinder tagħhom.

1.3 Fuq il-formola tal-applikazzjoni l-ġenituri għandhom jiktbu l-preferenza tal-iskola primarja ta' St Francis li fiha jixtiequ li jmorru t-tfal tagħhom.

Tingħata preferenza lil:
- tfal li għandhom ħuthom diġà jattendu skola primarja ta' St Francis u dawn jinkitbu fl-iskola ta' ħuthom.
- tfal li għandhom xi ġenitur jaħdem fi skola primarja ta' St Francis jinkitbu fl-iskola fejn jaħdem il-ġenitur.
- tfal li jattendu l-kinder ta' Birkirkara jingħataw il-preferenza li jibqgħu Birkirkara.

1.4 Għall-bqija tal-istudenti, jekk kulħadd ikun jista' jinkiteb fl-iskola li l-aktar li jippreferi, allura l-proċess ta' transfer jieqaf hawn. Jekk le, tittella' polza bejniethom u jagħżel l-ewwel min jiġi l-ewwel skont il-polza. Issir polza għall-bniet u oħra għas-subien sabiex jinżamm in-numru bejn il-bniet u s-subien f'kull klassi.

1.5 Din il-proċedura tgħodd ukoll għal tfal li għandhom bżonn LSA, jiġifieri l-ewwel tingħata preferenza lil dawk imsemmija f'para. 1.3. Imbagħad isegwi dak li hemm f'para. 1.4 u għalhekk tista' issir polza bejn dawk li jixtiequ jmorru fl-istess skola u ma hemmx post għal kulħadd.

1.6 In-numru ta' postijiet fl-Ewwel Sena Primarja fl-iskejjel ta' St Francis huwa:

| **Subien u Bniet:** | | | **Subien** | **Bniet** |
|---|---|---|---|---|
| St. Francis | Birkirkara | 21442205 | 28 | 22 |
| St. Francis | Bormla | 21828255 | 44 | 31 |
| St. Francis | Msida | 21335513 | 30 | 22 |
| **Total Subien u Bniet** | | | 102 | 75 |

1.7 Jekk `il quddiem jinħoloq xi post vojt f'xi skola primarja li fiha kien hemm min jixtieq imur imma ma setax għax kienet imtliet, dan jingħata l-opportunità skont ir-riżultat tal-polza.

## 2. Studenti Bniet tas-Sitt Sena

2.1. L-istudenti **bniet** tas-sitt sena ta' St Francis Birkirkara, Bormla u Msida jmorru s-Sekondarja ta' St Francis tas-Sliema.

2.2 Dan it-transfer isir b'applikazzjoni fejn jingħataw id-dettalji tal-istudenta. L-applikazzjonijiet isiru fl-iskejjel primarji ta' St Francis it-Tnejn 23, it-Tlieta 24 u l-Erbgħa 25 ta' Novembru, 2015.

**3. Il-ħlas għall-applikazzjoni tal-istudenti tat-Tieni Sena Kindergarten u tal-istudenti bniet tas-sitt sena hu ta' €2; dan qed jintalab biex ikopri spejjeż klerikali, postali, ta' karti eċċ.**

## 4. Applikazzjonijiet Tard Studenti tat-Tieni Sena Kindergarten u Studenti Bniet tas-Sitt Sena

**Applikazzjonijiet tard għat-Transfer bejn l-iskejjel ta' St Francis ta' studenti subien u bniet tal-Kinder 2 u bniet tal-Year 6** jintlaqgħu t-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2015.
L-istudenti li jattendu l-kinder ta' St Francis Luqa, Santa Luċija u Siġġiewi japplikaw St Francis Cospicua.
Dawk li jattendu l-kinder ta' San Ġwann, San Pawl il-Baħar u Birkirkara japplikaw fil-Kinder tagħhom.
L-istudenti bniet tal-Year 6 japplikaw fl-iskejjel primarji ta' St Francis fejn jattendu.

## 5. Studenti Subien tas-Sitt Sena

5.1 L-istudenti subien tas-sitt sena ta' St Francis Birkirkara, Bormla u Msida jmorru fi skola sekondarja oħra tal-Knisja. Dawn l-istudenti għandhom japplikaw taħt il-Kriterju Skola Bla Kontinwità.

5.2 L-applikazzjonijiet taħt il-Kriterju Skola Bla Kontinwità isiru skont ir-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Malta para. 8. fis-Seminarju r-Rabat, f'St Angela School Zabbar, f'St Elias College Santa Venera, JEW f'St Michael's School Santa Venera, it Tnejn 23 (kunjomijiet bl-ittri A-C), it-Tlieta 24 (kunjomijiet bl-ittri D-M) u l-Erbgħa 25 ta' Novembru, 2015 (kunjomijiet bl-ittri N-Z), bejn id-9.00 ta' filgħodu u s-2.00 ta' wara nofsinhar. Għal aktar dettalji wieħed għandu jara r-Regolamenti tad-Dħul.

## 6. Applikazzjonijiet Tard Studenti Subien tas-Sitt Sena

6.1 **Applikazzjonijiet tard skont l-Ewwel Kriterju Skola Bla Kontinwità studenti subien tas-sitt sena ta' St Francis** jintlaqgħu nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2015 fil-Kurja tal-Arċisqof Floriana bejn id-9.00 a.m. u s-1.00 ta' wara nofsinhar.

## 7. Kull deċiżjoni tal-Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u tal-Kummissjoni Każijiet Serji hija finali.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**